MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 211/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Paul Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Peter Paul Agius talli fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-habta tat-8.15 p.m. bħala l-persuna lliċenzjata bħala *substitute* sabiex imexxi Bar temporanju fil-post magħruf bħala l-Vilhena Football Club sitwat fil-Furjana:

(1) kiser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja lilu mogħtija mill-pulizija u b'hekk meqjus li ġġesta attivita` kummerċjali (Temporary Bar) mingħajr liċenzja minn awtorita` kompetenti;

(2) ippermetta lil Francois Bartolo li jaġixxi bħala rapprezentant tiegħu mingħajr permess bil-miktub minn awtorita` kompetenti (Art. 21 L.S,10.09);

(3) għamel xi ħaġa li għaliha jinħtieġ liċenzja minn awtorita` kompetenti jew meta din il-liċenzja hija meħtieġa bil-liġi bi ksur tal-art. 338 (gg) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) biegħ, serva jew ippermetta li jinbiegħ alkohol lil tfal minuri bi ksur tal-art. 316C(a)(b)(c) Kap. 10;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' April 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Peter Paul Agius ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fil-5 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tiddikkjara lill-imsemmi Peter Paul Agius ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali huwa li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament erroneju tal-fatti. Huwa jgħid illi mix-xiehda ta' P.C. 418 jirriżulta illi l-bar in kwistjoni kien qiegħed jiġi ġestit minn ċertu Francois Bartolo u mhux mill-appellat, u dan kien kontra l-kundizzjonijiet allaċċjati ma' l-imsemmi bar. Inoltre kienu l-minuri li xtraq l-alkohol minn dan il-bar li ndikaw mnejn kienu xtrawh. Għalhekk l-Avukat Ġenerali jsostni illi kelha tinsab ħtija dwar l-imputazzjonijiet kollha.

**6.** Din il-Qorti eżaminat l-atti u semgħet il-provi mill-ġdid. Jibda biex jingħad illi, filwaqt li l-appellat ġie akkużat li wettaq ir-reati addebitati lilu “fil-post magħruf bħala l-Vilhena Football Club sitwat fil-Furjana”, jirriżulta li l-liċenzja li nħarġet kienet għat-tmexxija ta’ bar temporaneju fil-fond magħruf bħala “Housecraft” fi Triq San Publju, Furjana. Imbagħad meta xehed Redent Camilleri, li fit-30 ta’ Ġunju 2010 kien għad għandu ħmistax-il sena, huwa ma identifikax il-post minn fejn kien xtara l-birra iżda qal biss li dan kien fuq il-Fosos u f’kantuniera. Huwa maghruf illi l-Football Club tal-Furjana ma kienx hdejn il-Fosos izda fit-triq principali tal-Furjana, Triq Sant’ Anna. Difatti, kif ser jigi ndikat, P.C. 418 John Rapinett jikkonferma li fil-gurnata in kwistjoni l-post mnejn allegatament inbiegh l-alkohol ma kienx ghadu Football Club.

**7.** P.C. 418 John Rapinett xehed li fit-30 ta’ Ġunju 2010 kienu patrol fuq il-Fosos tal-Furjana fejn kien hemm il-kunċert Isle of MTV u kien hemm żewġ ġuvintur li kienu taħt is-sbatax-il sena qed jixorbu l-birra u dawn qalu li kienu xtrawhom mill-“Vilhena Football Club, dak iż-żmien kien għadu l-Housecraft, kien għadu ma sarx bħala Football Club”. P.C. 418 qal li ġewwa wara l-bar sabu persuna li ma kinitx l-appellat. Mix-xiehda ta’ P.C. 418, mela, ġie kkonfermat illi l-post li fuqu kienet inħarġet il-liċenzja temporaneja ma kienx il-Vilhena Football Club. Inoltre dak li qal dwar x’qalulu l-ġuvintur imsemmija jista’ biss jittieħed bħala *hearsay*, apparti l-fatt li ma identifikax min kienu dawn il-ġuvintur fix-xiehda tiegħu, kif lanqas ma identifika min kien hemm wara l-bar.

**8.** Huwa ghaldaqstant ċar illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellat.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonfema s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------